**Qabel ma rqadt**

Ftit qabel għalaqt għajnejja
Int ġejt quddiem għajnejja,
Ġejt bħal żiffa ħelwa ħelwa
Li regħxet lil widnejja.

B'dik ir-regħxa tal-imħabba
Li ma tafx għajr biss li tħobb,
Ghax għarfet minn qiegħ qalbha
Li tibni għandha mhux tħott.

Kos kemm grazzji fik imqieghda
Tassew li għandek biex tbiegħ,
Lil min jiftaħlek qalbu
Imhabbtek lesta x'tagħtih.

Ibqa' ħobb minn qalbek għanja
Tintebah sewwa kemm ġid,
Int qed tagħti 'l min jitolbok
Tghinu minn qalbek 'l dan trid.

Għalhekk issa orqod ħienja
Alla jħarsek, le ma mradtx,
U jekk taqbad se tinkwieta
Għalik nitlob qabel 'rqadt.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.